MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru 280/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Domenico Savio Spiteri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Domenico Savio Spiteri, bin John u Josephine nee' Sultana, imwieled fit-18 ta' Marzu 1960 u residenti fil-fond numru 69, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 16160(G) fejn ġie akkużat talli nhar it-28 ta' Novembru 2011 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Triq it-Torri, fix-Xlendi limiti tal-Munxar Għawdex, f'ħinijiet differenti, rema, tefa', ħalla, jew xort'oħra iqattar jew iddepżita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar jew spazju fil-miftuh li għalih il-pubbliku għandu aċċess, liema depożitu u t-tħollija ma kienx awtorizzat b'liġi. Il-Qorti ġiet

mitluba li f'każ ta' ħtija, b'żieda mal-piena, għandha tordna wkoll lill-akkużat biex ineħħi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu li dwaru jkun instab ħati fi żmien li jiġi stabilit mill-Qorti, u li fin-nuqqas tat-tħaris ta' dik l-ordni dak il-materjal jitneħħa mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' fejn ikun twettaq ir-reat bi spejjeż ta' min jagħmel ir-reat u dan b'applikazzjoni tal-Art. 14(1) L.S. 504.67.

2. Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu ammenda ta' sittin ewro (€60) u in vista tad-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur fl-istess seduta il-Qorti ma laqgħatx it-talba tal-Prosekuzzjoni biex l-imputat ineħħi l-materjal msemmi fl-imputazzjoni peress li dan kien tneħħa.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Domenico Savio Spiteri minnu prezentat fl-1 ta' Ġunju 2012, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2012 u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**4.** Semghet mill-gdid ix-xhieda prodotti fl-ewwel istanza, rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fil-11 ta' Novembru 2011 Il-Marixxal tal-Qorti Mario Portelli kien irċieva struzzjonijiet mid-Direttur tal-Qrati sabiex jesgwixxi sgumbrament minn fond appartament numru 4, fil-livell tal-ewwel sular u minn appartament numru 1, fil-livell tas-*semi-basement* li kien jifforma parti minn korp ta' bini fi Triq it-Torri (ġia Triq Omeru), Xlendi, Għawdex. Huwa esegwixxa dawn l-istruzzjonjiet bl-assistenza ta' Paul Debrincat, uffiċjal ieħor tal-Qorti kif ukoll bl-għajnuna ta' ċertu Gregory Grech, sid il-fond u li fuq talba tiegħu il-Qorti kienet ħarġet il-mandat ta' żgumbrament. Fil-jum imsemmi huma ħarġu mill-fond diversi tankijiet u ħarġu l-bqija tat-tankijiet fis-17 ta'

Novembru 2011. In-numru totali tat-tankijiet li tneħħew kien ta’ 138. Għalkemm sid Il-fond kien Gregory Grech l-istess fond kien mikri għand l-imputat appellant li kien ingħata avviż formali mill-Qorti sabiex jiżgombra mill-fond fi żmien tmient ijiem iżda naqas milli jagħmel dan. It-tankijiet li nħarġu mill-fond tqiegħdu barra fit-triq fuq il-bankina u l-uffiċjali tal-qorti rraportaw dan lill-pulizija. It-tankijiet kienu qed jitilfu xi likwidu li kien ħiereġ minnhom u li kien iħalli rieħa ta’ nbid qares.

Meta l-pulizija bagħtu għall-imputat dan aċċetta li t-tankijiet in kwistjoni kienu tiegħu iżda rrifjuta li jneħħihom minn fejn kienu fit-triq minnħabba kawża li kellu ma’ Gregory Grech. L-imputat sostna li l-kuntratt li kellu kien isejjaħ lil ċertu Anthony Grech u mhux lil Gregory Grech u t-tankijiet ma kienx hu li ħariġhom fit-triq.

Ikkunsidrat:

**6.** Ghalkemm dedott fi tlett paragrafi distinti, l-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wieħed konsistenti filli jsostni li peress li t-tankijiet ma ħariġhomx fit-triq hu iżda kienu terzi li għamlu hekk huwa ma jistax jinstab kriminalment risponsabbli.

**7.** Dan l-aggravju juri nuqqas ta’ intendiment sħiħ ta’ dak previst mir-reat li bih ġie imputat l-appellant. Ir-regolament relevanti, u ċioe’ dak numru 4 tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta’ Skart fit-Toroq u f’Postijiet jew Żoni Pubbliċi (Avviż Legali 344/2005 kif sussegwentement emendat) jipprovdi kif ġej:

“Ħadd ma jista’ jarmi, jitfa’, iħalli, jew xort’oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f’xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b’liġi:

Iżda għall-fini ta’ dan ir-regolament, l-Iskeda 1 telenka, iżda mhux b’mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu li jkunu offiża ta’ tħollija ta’ żibel jew depożitu jew tixrid ta’ oġġetti skond dan ir-regolament”.

**8.** Għalhekk huwa pależi li r-reat li bih kien imputat l-appellant ma jikkonsistix biss filli wieħed "jarmi, jitfa'" jew xort' oħra "iqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku…" iżda wkoll filli wieħed "iħalli" tali żibel kif ingħad, purche' dak it-tħollija ma jkunx awtorizzat b'liġi. L-fatt li kien ħaddieħor li rema jew tefa' jew qattar jew iddepożita l-materjal in kwistjoni, għalhekk, ma jeżentax lill-imputat mir-responsabilita' għar-reat jekk jirriżulta li huwa "ħalla" l-istess materjal kontra l-liġi.

**9.** Il-materjal in kwistjoni rriżulta, anki mix-xhieda stess tal-appellant, proprjeta' tal-appellant. Ma għandux ikun hemm xi dubbju li dak li għamlu t-terzi fir-rigward tal-istess materjal kien "awtorizzat b'liġi" għaliex kien in esekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament ordnat mill-Qorti skont il-liġi. Bil-mandat ġie avżat l-imputat li għalhekk seta' jieħu l-passi neċessarji sabiex jiżgombra mill-fond volontarjament u sabiex jieħu ħsieb id-depożitu tal-oġġetti żgombrati konformement mal-liġi. Minflok l-imputat għażel li jwebbes rasu u jinjora l-mandat ordnat mill-Qorti. L-fatt li huwa kien isostni li l-mandat ħareġ ħażin ma jiswa xejn tenut kont tal-fatt li ma tirrizulta ebda ordni kuntrarja tal-Qorti li tħassar, tissospendi jew tirrevoka l-istess mandat. Għalkemm avżat mill-pulizija sabiex ineħħi l-materjal l-appellant irrifjuta u ħalla l-materjal fejn kien. Mhux għaliex hemm bżonn, għaliex il-lista fl-Iskeda ma hix waħda eżawrjenti, iżda jista' jiżdied li l-materjal in kwisjtoni jinkwadra fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) u (f) tal-Iskeda 1 msemmija fir-regolament fuq ċitat. Għalhekk, meta l-appellant ħalla l-materjal in kwistjoni fuq il-bankina fit-triq minkejja ordnat mill-pulizija sabiex ineħħieħ huwa rrenda ruħu kriminalment responsabbli tar-reat previst fir-regolament 4 fuq imsemmi.

**10.** L-aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi respint u l-appell tiegħu ser jiġi miċħud.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' Domenico Savio Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------